

**MT**

**MT**

**MT**



IL-KUMMISSJONI EWROPEA

Brussel 15.10.2010  
KUMM(2010) 568 finali

Proposta għal

**DEĊIŻJONI TAL-PARLAMENT EWROPEW U TAL-KUNSILL**

**dwar il-mobilizzazzjoni tal-Fond Ewropew ta' Aġġustament għall-Globalizzazzjoni, skont il-punt 28 tal-Ftehim Interistituzzjonali tas-17 ta' Mejju 2006 bejn il-Parlament Ewropew, il-Kunsill u l-Kummissjoni dwar id-dixxiplina baġitarja u l-ġestjoni finanzjarja soda (applikazzjoni EGF/2010/018 DE/Heidelberger Druckmaschinen mill-Ġermanja)**

## MEMORANDUM TA' SPJEGAZZJONI

Il-punt 28 tal-Ftehim Interistituzzjonali tas-17 ta' Mejju 2006 bejn il-Parlament Ewropew, il-Kunsill u l-Kummissjoni dwar id-dixxiplina baġitarja u l-ġestjoni finanzjarja soda<sup>1</sup> jippermetti l-mobilizzazzjoni tal-Fond Ewropew ta' Aġġustament għall-Globalizzazzjoni (EGF) permezz ta' mekkaniżmu ta' flessibilità, sal-limitu massimu annwali ta' EUR 500 miljun, u dan apparti mill-intestaturi rilevanti tal-qafas finanzjarju.

Ir-regoli applikabbli għall-kontributi mill-EGF huma stipulati fir-Regolament (KE) Nru 1927/2006 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-20 ta' Diċembru 2006 li jstabbilixxi l-Fond Ewropew ta' Aġġustament għall-Globalizzazzjoni<sup>2</sup>.

Fis-27 ta' Mejju 2010, il-Ġermanja ressqet l-applikazzjoni EGF/2010/018 DE/Heidelberger Druckmaschinen għal kontribut finanzjarju mill-EGF, wara li ngħataw is-sensji mill-intrapriża Heidelberger Druckmaschinen AG fil-Ġermanja.

Wara analiżi bir-reqqa ta' din l-applikazzjoni, il-Kummissjoni kkonkludiet skont l-Artikolu 10 tar-Regolament (KE) Nru 1927/2006, li l-kundizzjonijiet għal kontribut finanzjarju skont dan ir-Regolament huma sodisfatti.

### **SOMMARJU TAL-APPLIKAZZJONI U ANALIŻI**

<b>Dejta prinċipali:</b>	
Nru ta' Referenza tal-EGF	EGF/2010/018
Stat Membru	Il-Ġermanja
Artikolu 2	(a)
Intrapriża primarja	Heidelberger Druckmaschinen AG
Fornituri u produtturi lejn tmiem il-proċess ta' produzzjoni	0
Perjodu ta' referenza	26.1.2010 – 26.5.2010
Data ta' bidu għas-servizzi personalizzati	1.1.2010
Data tal-applikazzjoni	27.5.2010
Sensji matul il-perjodu ta' referenza	1 212
Sensji qabel u wara l-perjodu ta' referenza	51
Sensji totali eliġibbli	1 263
Ħaddiema li ngħataw is-sensja identifikati għall-appoġġ	1 181
Nefqa għas-servizzi personalizzati (EUR)	12 202 392
Nefqa għall-implimentazzjoni tal-EGF <sup>3</sup> (EUR)	580 000
Nefqa għall-implimentazzjoni tal-EGF (%)	4,5
Baġit totali (EUR)	12 782 392
Kontribuzzjoni tal-EGF (65 %) (EUR)	8 308 555

1. L-applikazzjoni ġiet ippreżentata lill-Kummissjoni fis-27 ta' Mejju 2010 u ssupplimentata b'informazzjoni addizzjonali sal-1 ta' Lulju 2010.

<sup>1</sup> ĠU C 139, 14.6.2006, p. 1.

<sup>2</sup> ĠU L 406, 30.12.2006, p. 1.

<sup>3</sup> Skont it-tielet paragrafu tal-Artikolu 3 tar-Regolament (KE) Nru 1927/2006.

2. L-applikazzjoni tissodisfa l-kundizzjonijiet għall-użu tal-EGF kif stabbilit fl-Artikolu 2(a) tar-Regolament (KE) Nru 1927/2006, u tressqet fi żmien il-perjodu ta' skadenza ta' 10 ġimgħat imsemmi fl-Artikolu 5 ta' dak ir-Regolament.

### **Ir-rabta bejn is-sensji u t-tibdiliet strutturali ewlenin fl-andamenti kummerċjali dinjin minħabba l-globalizzazzjoni jew il-kriżi finanzjarja u ekonomika globali**

3. Sabiex tkun stabbilita rabta bejn is-sensji u l-kriżi finanzjarja u ekonomika globali, il-Ġermanja targumenta li l-l-manifattura tal-makkinarju għall-istampar segwiet l-andament ġenerali tal-kostruzzjoni tal-makkinarju li fl-2009 rat tnaqqis fl-ordnijiet b'riżultat tal-kriżi. Fil-Ġermanja, f'April 2009, l-ordnijiet għall-makkinarju għall-istampar kienu 52,6 % taħt il-livell miksub f'April 2008. Tnaqqis smili kien innutat għas-27 pajjiż tal-UE. Fir-raba' kwart tal-2008 l-ordnijiet għall-makkinarju għall-istampar fil-Ġermanja kien 54 % taħt il-livell ta' dawk għar-raba' kwart fl-2007. Għall-Heidelberger Druckmaschinen AG il-bejgħ totali niżel bi 22 % fit-tieni kwart tal-2009 meta mqabbel mal-istess perjodu fl-2008 u bi 33 % meta mqabbel mal-istess perjodu fl-2007.
4. L-awtoritajiet Ġermaniżi jkemplu jargumentaw li, minħabba l-kriżi finanzjarja u ekonomika, in-nefqa fuq materjal stampat, jgħifieri l-eżitu finali tat-tagħmir għall-istampar, u b'mod partikolari n-nefqa għall-materjal tal-pubbliċità, naqset b'mod sinifikanti madwar id-dinja. L-applikazzjoni tikkwota dejta ta' Nielsen Media Research GmbH li turi tnaqqis fin-nefqa: fl-ewwel nofs tal-2009, in-nefqa fuq il-pubbliċità fl-Ewropa naqset b'aktar minn 9 % meta mqabbel mal-istess perjodu fl-2008. Għas-settur tal-istampar, dan it-tnaqqis irriżulta fi grad inqas ta' użu tal-kapaċità u żieda fil-ħin li matulu t-tagħmir ma jintużax. B'konsegwenza ta' dan, l-industrija tal-istampar irreaġixxiet bi tnaqqis drastiku fin-nefqa kapitali, li min-naħa tiegħu affettwa l-manifatturi tat-tagħmir għall-istampar.

### **Turiya tan-numru ta' sensji u l-konformità mal-kriterji tal-Artikolu 2(a)**

5. Il-Ġermanja ressqet din l-applikazzjoni skont il-kriterja ta' intervent tal-Artikolu 2(a) tar-Regolament (KE) Nru 1927/2006, li jitlob li jkun hemm minn tal-inqas 500 sensja matul perjodu ta' erba' xhur f'intrapriża fi Stat Membru, inklużi l-ħaddiema li jtilfu xogħolhom mal-fornituri tagħhom jew mal-produtturi iktar 'l isfel fil-katina tal-produzzjoni.
6. L-applikazzjoni tikkwota 1 212 sensja f'intrapriża waħda - Heidelberger Druckmaschinen AG – matul il-perjodu ta' referenza mis-26 ta' Jannar 2010 sas-26 ta' Mejju 2010. Dawn is-sensji kollha ġew ikkalkolati skont it-tieni inċiż tat-tieni paragrafu tal-Artikolu 2 tar-Regolament (KE) Nru 1927/2006.

### **Spjegazzjoni tan-natura mhux prevedibbli ta' dawk is-sensji**

7. L-awtoritajiet Ġermaniżi jargumentaw li, allavolja fil-passat Heidelberger Druckmaschinen AG kellha tiffaċċja tnaqqis fid-domanda minħabba varjazzjonijiet ċikliċi, it-tnaqqis attwali fid-domanda minn din l-intrapriża b'konsegwenza tal-kriżi finanzjarja u ekonomika ma għandux preċedent u għaldaqstant ma kienx prevedibbli. F'Lulju 2008 l-intrapriża adottat programm ta' adattament li ppreveda għal tnaqqis tal-ispejjeż ta' EUR 100 miljun fis-sena sabiex jikkumpensa għat-tnaqqis fir-ritmu tal-attività ekonomika. Wara l-kullass ta' Lehman Brothers fl-Istati Uniti u l-aggravazzjoni tal-kriżi finanzjarja, Heidelberger Druckmaschinen AG adottat aktar

miżuri ta' tnaqqis tal-ispejjeż ta' EUR 200 miljun fis-sena. Madankollu, dawn l-isforzi ma kinux biżżejjed biex jipprevjenu d-deċiżjoni li ttieħdet biex għadd kbir ta' ħaddiema jingħataw is-sensja bl-għan li jkun hemm adattament għat-tnaqqis mhux prevedibbli fid-domanda b'riżultat tal-kriżi finanzjarja u ekonomika.

### **Identifikazzjoni tal-intrapriżi li taw is-sensji u l-ħaddiema identifikati għall-appoġġ**

8. L-applikazzjoni ssemmi total ta' 1 263 sensja fl-intrapriża Heidelberger Druckmaschinen AG. Minn dawn is-sensji 1 212 seħħu matul il-perjodu ta' referenza u 51 qabel il-perjodu ta' referenza. Minn dawn il-ħaddiema li ngħataw is-sensja, 1 181 huma identifikati għall-appoġġ.

9. It-tqassim tal-ħaddiema identifikati huwa kif ġej:

<b>Kategorija</b>	<b>Għadd</b>	<b>Perċentwali</b>
Irġiel	1 023	86,6
Nisa	158	13,4
Ċittadini tal-UE	1 150	97,4
Ċittadini mhux tal-UE	31	2,6
Età bejn il-15 u l-24 sena	179	15,2
Età bejn il-25 u l-54 sena	967	81,9
Età bejn il-55 u l-64 sena	35	2,9

Fil-kategoriji ta hawn fuq hemm 39 ħaddiem (3,3 %) li għandhom problemi ta' saħħa jew diżabilità fit-tul.

10. F'termini ta' kategoriji professjonali, it-tqassim huwa kif ġej:

<b>Kategorija</b>	<b>Għadd</b>	<b>Perċentwali</b>
Leġiżlaturi, uffiċjali għolja u ġesturi	2	0,2
Professjonisti	51	4,3
Teknixins u professjonisti assoċjati	138	11,7
Skrivani	165	14,0
Ħaddiema tas-sengħa u dawk involuti fi snajja' relatati	56	4,7
Operaturi tal-impjanti u tal-magni u dawk li jimmuntaw	766	64,9
Xogħlijiet elementari	3	0,2

11. Skont l-Artikolu 7 tar-Regolament (KE) Nru 1927/2006, il-Ġermanja kkonfermat li ġiet applikata politika ta' ugwaljanza bejn in-nisa u l-irġiel kif ukoll ta' nondiskriminazzjoni, u li din se tkompli tapplika matul l-istadji varji tal-implimentazzjoni tal-EGF u, b'mod partikolari, fir-rigward tal-aċċess għalih.

### **Deskrizzjoni tat-territorju kkonċernat u l-awtoritajiet u l-partijiet interessati tiegħu**

12. It-territorju li huwa prinċipalment ikkonċernat mis-sensji huwa Land Baden-Württemberg, b'mod partikolari l-bliet ta' Heidelberg u Wiesloch fid-distrett amministrattiv ta' Karlsruhe kif ukoll il-bliet ta' Ludwigsburg u Amstetten. Għadd

iżgħar ta' sensji seħħu f'siti ta' produzzjoni oħra fi Brandenburg u North Rhine Westphalia.

13. L-awtoritajiet responsabbli huma l-Uffiċċji tax-Xogħol f'Heidelberg, Mannheim, Karlsruhe, Amstetten, Ludwigsburg, Brandenburg u Mönchengladbach, l-uffiċċju ċentrali tal-Uffiċċju Federali tal-Impjiegi, id-direttorat reġjonali tal-Uffiċċju Federali tal-Impjiegi f'Baden-Württemberg, North Rhine Westphalia, Berlin-Brandenburg, il-Ministeru tax-Xogħol u l-Affarijiet Soċjali, il-Familja u l-Anzjani tal-Land Baden-Württemberg, il-Ministeru tax-Xogħol, is-Saħħa u l-Affarijiet Soċjali tal-Land North Rhine Westphalia u l-Ministeru tax-Xogħol, l-Affarijiet Soċjali, in-Nisa' u l-Familja tal-Land Brandenburg. Partijiet interessati oħra jinkludu IG Metall Heidelberg, Heidelberger Druckmaschinen AG, il-kumpanija tat-trasferiment Weitblick u l-kumpanija tat-trasferiment DEKRA.

### **Impatt mistenni tas-sensji fir-rigward tal-impjiegi lokali, reġjonali jew nazzjonali**

14. L-awtoritajiet Ġermaniżi jiddikjaraw li s-sensji f'Heidelberger Druckmaschinen AG huma distribwiti fuq erba' siti ta' produzzjoni f'Baden-Württemberg (Wiesloch, Heidelberg, Amstetten u Ludwigsburg), sit wieħed ta' produzzjoni f'Brandenburg fil-Land Brandenburg u sit wieħed ta' produzzjoni f'Mönchengladbach fil-Land North Rhine Westphalia. Tmien mija u sebgħin sensja (jiġifieri 70 % tas-sensji totali f'Heidelberger Druckmaschinen AG) seħħew f'siti ta' produzzjoni li jaqgħu taħt il-kompetenza tal-uffiċċju reġjonali ta' Heidelberg. Dawn it-870 sensja jirrappreżentaw tnaqqis ta' 7 % tal-ħaddiema kollha involuti fil-manifattura tal-makkinarju, tagħmir u soġġetti għal kontribuzzjonijiet tas-sigurtà soċjali fiż-żona akbar ta' Heidelberg.
15. Abbażi tal-post ta' residenza tagħhom, 58 % tal-ħaddiema li ngħataw is-sensja jaqgħu taħt il-kompetenza tal-Uffiċċju tax-Xogħol f'Heidelberg, 10 % taħt il-kompetenza tal-Uffiċċji tax-Xogħol f'Mannheim u Karlsruhe u l-oħrajn huma mqassmin madwar xi 20 Uffiċċju tax-Xogħol Reġjonali. L-awtoritajiet Ġermaniżi jargumentaw li, għar-reġjuni l-aktar affettwati, jiġifieri Heidelberg, Mannheim u Karlsruhe, iż-żieda fir-rata tal-qgħad bejn Diċembru 2008 u Marzu 2010 kienet ta' 12,4 %, 12,3 % u 15,6 % rispettivament, li hija oġhla b'mod sinifikanti miż-żieda ta' 3,7 % matul l-istess perjodu għall-Ġermanja bħala pajjiż sħiħ. Għaldaqstant, is-sensji jidhru li għandhom impatt sinifikanti fuq l-impjiegi reġjonali.

### **Pakkett ikkoordinat ta' servizzi personalizzati li jridu jiġu ffinanzjati u tqassim tal-ispejjeż stmati, inkluża l-komplementarjetà tiegħu mal-azzjonijiet iffinanzjati mill-Fondi Strutturali**

16. Qed jiġu proposti t-tipi ta' miżuri li ġejjin, li kollha jingħaqdu biex jiffurmaw pakkett koordinat ta' servizzi personalizzati mmirat lejn l-integrazzjoni mill-ġdid tal-ħaddiema fis-suq tax-xogħol.
  - Allokament għat-tfittix ta' impjiegi: Allokament għal żmien qasir: Din il-miżura hija maħsuba biex tassigura l-għajxien tal-ħaddiema li jagħżlu li jibdedw jaħdmu fil-kumpanija tat-trasferiment<sup>4</sup>. Għall-għanijiet tal-applikazzjoni tal-EGF, l-

<sup>4</sup> Kif inhu spjegat f'SEC(2007)1142 dwar l-applikazzjoni EGF/2007/003 DE/BenQ kumpanija ta' trasferiment hija strument stipulat skont il-liġi Ġermaniża li tista' tiġi stabbilita fil-każ ta' strutturar mill-ġdid li jirriżulta ftelf ta' impjiegi. Il-kumpanija ta' trasferiment tagħmilha possibbli li tħejji b'mod

allokament għal żmien qasir huwa inkluż biss għal perjodi li fihom il-ħaddiema li ngħataw is-sensja jkunu qegħdin jieħdu sehem b'mod attiv fil-miżuri attivi ta' politika fis-suq tax-xogħol ipprovduti fiil-qafas tal-kumpanija ta' trasferiment, inklużi miżuri li jsiru fuq l-inizjattiva tal-ħaddiema infushom<sup>5</sup>.

- Korsijiet ta' taħriġ li jwasslu għall-kwalifiki: Din il-miżura għandha fil-mira primarjament il-kategorija tal-ħaddiema industrijali, fejn seħħ l-akbar telf ta' impjiegi. Peress li ħafna minn dawn il-ħaddiema diġa' għandhom livell tajjeb ta' kwalifiki, il-kwalifiki l-ġodda għandhom l-għan li jaġġornaw u jikkonsolidaw l-kompetenzi professjonali tagħhom u huma bbażati fuq il-profil u intervista inizjali mal-ħaddiema. Din il-miżura tinkludi kwalifiki individwali u dawk tal-grupp fost oħrajn fl-oqsma li ġejjin: Computer Aided Design (CAD), Computerised Numerical Control (CNC), tħin u tornitura, taħriġ speċjalizzat f'inġinerija elettrika, idrawlika u pneumatika, ġestjoni tal-proġetti, organizzazzjoni tax-xogħol, kummerċjalizzazzjoni diretta, ġestjoni tal-kwalità.
- Il-ġestjoni tal-kwalifiki: Din tkopri l-identifikazzjoni ta' kunċetti individwali għall-integrazzjoni mill-ġdid tal-ħaddiema kif ukoll l-identifikazzjoni tal-kwalifiki meħtieġa. Ir-rwol tal-persuna li tiġġestixxi l-kwalifiki huwa li tirrikonċilja l-ħtieġa għal aktar kwalifiki kif identifikat matul il-proċess ta' għoti ta' pariri flimkien mal-possibilitajiet tat-taħriġ li huma disponibbli fir-reġjun.
- Gruppi ta' ħidma/gruppi ta' pari: Minbarra l-attivitajiet għall-gruppi identifikati l-aktar tradizzjonali ta' ħaddiema li għandhom aktar minn 40 sena u aktar minn 50 sena kif ukoll il-ħaddiema migranti, hemm ukoll attivitajiet offruti għall-ħaddiema li riċentament bdew jaħdmu mal-kumpanija bħala apprendisti. Minbarra l-apprendistat tagħhom huma diġa' akkwistaw naqra esperjenza ta' xogħol. Permezz ta' skambju intensiv ta' esperjenza fi gruppi ta' pari dawn il-ħaddiema se jirċievu pariri prattiċi għall-ħajja tax-xogħol kif ukoll għall-possibilitajiet għal aktar żvilupp tal-perspettivi vokazzjonali tagħhom.
- Gwida internazzjonali: Din il-miżura għandha l-għan li tipprepara ħaddiema interessati għal applikazzjoni għal xogħol barra mill-pajjiż u tkopri fost oħrajn taħriġ tal-lingwa, fieri tax-xogħol, taħriġ interkulturali kif ukoll traduzzjoni ta' dokumenti li huma neċessarji meta wieħed japplika għal impjieg. Fil-każ tal-ħaddiema li ngħataw is-sensja f'Mönchengladbach qiegħda tingħata attenzjoni speċjali lill-possibbiltà ta' impjiegi tekniċi offruti mis-suq tax-xogħol li jinsab viċin fir-reġjuni li jinsabu fil-lbiċ tal-Pajjiżi l-Baxxi.
- Gwida aktar fil-fond għall-ftuħ ta' negozju: Din tkopri appoġġ għall-ippjanar, implimentazzjoni u finanzjament ta' ftuħ ta' negozju, kif ukoll gwida speċjalizzata relatata ma' kwistjonijiet legali, taxxi, kummerċjalizzazzjoni, akkwist, verifika ta' nefqa u kwistjonijiet bankarji.

---

strutturat ħaddiema li ngħataw is-sensja għal impjieg ġdid permezz ta' kowċing, kwalifiki u attivitajiet ta' pjazzament.

<sup>5</sup> L-identifikazzjoni tas-sehem tal-attivitajiet li jsiru fuq l-inizjattiva ta' dak li jkun f'kumpanija ta' trasferiment hija bbażata fuq l-eżitu tal-istudju li twettaq mill-Università Duisburg – Essen, Institut Arbeit und Qualifikation 'Aktivität von Teilnehmern in der Transfergesellschaft – Ergebnisse der Befragung von EGF-geförderten Teilnehmern der Nokia-Transfergesellschaft, Bochum', Duisburg, Ottubru 2009.

- Riċerka fir-rigward ta' pjażżament: Ir-riċerkaturi ta' pjażżament jinteraġixxuma' impjegati potenzjali u, abbażi tal-impjegi speċifiċi vakanti, jidentifikaw l-aktar kandidati adattati u l-ħtiġijiet ta' taħriġ immirat lejn ix-xogħol speċifiku tagħhom. Din il-miżura tkopri wkoll iż-żamma ta' bażi ta' dejta ta' min iħaddem, li hi disponibbli għall-ħaddiema li nġhataw is-sensja għall-applikazzjonijiet għal impjieg fuq inizjattiva tagħhom.
- Allokament għall-mobilità: Din tkopri allokkament biex tinkoraġġixxi l-ħaddiema li nġhataw is-sensja biex jaċċettaw impjieg li jkun jinvolvi bidla fil-post tar-residenza. Din titħallas ukoll fil-każ li l-benefiċjarju jiddeċiedi li jaċċetta impjieg ġdid f'pajjiż Ewropew ieħor.
- Għoti ta' pariri u appoġġ f'każ ta' impjieg ġdid u f'każ ta' qgħad: Din il-miżura tipprevedi għall-ikkowċjar mill-kumpanija ta' trasferiment matul il-fażi li matulha l-ħaddiema li aċċettaw impjieg ġdid, ikunu qegħdin jadattaw ruħhom għal dan l-impjieg. Din il-miżura tipprovdi wkoll appoġġ għall-ħaddiema li ma jsibux xogħol ġdid hekk kif jispiċċaw minn mal-kumpanija ta' trasferiment. Sabiex tassigura kontinwità fl-attivitajiet ta' pjażżament, huma se jżommu l-istess netwerk ta' sorveljanza bħal dak li kellhom mal-kumpanija ta' trasferiment għal perjodu massimu ta' sitt xhur wara li jkunu spiċċaw minn mal-kumpanija ta' trasferiment.

17. In-nefqa għall-implimentazzjoni tal-EGF, li hija inkluża fl-applikazzjoni skont l-Artikolu 3 tar-Regolament (KE) Nru 1927/2006, tkopri attivitajiet ta' ġestjoni, informazzjoni u pubbliċità u attivitajiet ta' kontroll.

18. Is-servizzi personalizzati ppreżentati mill-awtoritajiet Ġermaniżi huma miżuri attivi fis-suq tax-xogħol fi ħdan l-azzjonijiet eliġibbli definiti fl-Artikolu 3 tar-Regolament (KE) Nru 1927/2006 L-awtoritajiet Ġermaniżi jistmaw li l-ispejjeż totali ta' dawn is-servizzi huma ta' EUR 12 202 392 u li n-nefqa għall-implimentazzjoni tal-EGF hija ta' EUR 580 000 (4,5 % tal-ammont totali). Il-kontribuzzjoni totali mitluba mill-EGF hija ta' EUR 8 308 555 (65 % tal-ispejjeż totali).

Azzjonijiet	Għadd stmat ta' ħaddiema identifikati	L-ispiża stmata għal kull ħaddiem identifikat (f'EUR)	Spejjeż totali (l-EGF u l-kofinanzjament nazzjonali) (f'EUR)
<b>Servizzi personalizzati</b> (l-ewwel paragrafu tal-Artikolu 3 tar-Regolament (KE) Nru 1927/2006)			
Allokament għat-tfittix ta' impjieg: allokkament fuq medda qasira ta' żmien ( <i>Beihilfen für die Arbeitssuche: Transferkurzarbeitergeld</i> )	1 181	6 722	7 938 682
Korsijiet ta' taħriġ li jwasslu għall-kwalifiki ( <i>Qualifizierung</i> )	553	3 683	2 036 699
Ġestjoni ta' korsijiet li jwasslu għall-kwalifiki ( <i>Qualifizierungsmanagement</i> )	553	251	138 803

Gruppi ta' ħidma u gruppi ta' pari	235	772	181 420
Gwida internazzjonali ( <i>Internationale Beratung</i> )	250	347	86 750
Gwida aktar fil-fond għall-ftuħ ta' negozju ( <i>Vertiefte Existenzgründerberatung</i> )	92	1 967	180 964
Riċerka fir-rigward ta' pjazzament ( <i>Stellenresearch</i> )	880	493	433 840
Allokamenti għall-mobilità ( <i>Mobilitätshilfen</i> )	66	3 209	211 794
Għoti ta' parir u appoġġ f'każ ta' impjieg ġdid u f'każ ta' qgħad ( <i>Beratung und Betreuung bei Arbeitsaufnahme und Arbeitslosigkeit</i> )	1 120	887	993 440
<b>Subtotal tas-servizzi personalizzati</b>			<b>12 202 392</b>
<b>In-nefqa għall-implimentazzjoni tal-EGF (it-tielet paragrafu tal-Artikolu 3 tar-Regolament (KE) Nru 1927/2006)</b>			
<b>Subtotal tan-nefqa għall-implimentazzjoni tal-EGF</b>			<b>580 000</b>
<b>Stima tal-ispejjeż totali</b>			<b>12 782 392</b>
<b>Kontribuzzjoni tal-EGF (65 % tal-ispejjeż totali)</b>			<b>8 308 555</b>

19. Il-Ġermanja tikkonferma li l-miżuri deskritti hawn fuq huma komplementarji mal-azzjonijiet ifffinanzjati mill-Fondi Strutturali, b'mod partikolari mal-korsijiet ta' taħriġ ċertifikat mill-FSE lejn kwalifiki pprovduti fil-qafas tal-programm federali FSE-BA. L-awtoritajiet Ġermaniżi daħħlu fis-seħħ il-mekkaniżmi neċessarji biex jevitaw kwalunkwe riskju ta' finanzjament doppju.

**Id-data/i meta nbdew jew huwa maħsub li jinbdew is-servizzi personalizzati għall-ħaddiema affettwati**

20. Il-Ġermanja bdiet toffri s-servizzi personalizzati lill-ħaddiema affettwati inklużi fil-pakkett koordinat propost lill-EGF għall-kofinanzjament, fl-1 ta' Jannar 2010. Din id-data, għalhekk, tirrappreżenta l-bidu tal-perjodu ta' eliġibilità għal kwalunkwe appoġġ li jista' jingħata mill-EGF.

**Proċeduri għall-konsultazzjoni mal-imsieħba soċjali**

21. Il-Ministeru Federali għax-Xogħol u l-Affarijiet Soċjali kellu diversi diskussjonijiet mal-partijiet involuti fl-intrapriża Heidelberger Druckmaschinen AG sabiex jiġu esplorati l-possibiltajiet għall-appoġġ mill-EGF u biex jintlaħaq ftehim komuni dwar

l-elementi ewlenin tal-appoġġ. F'din il-konsultazzjoni pparteċipaw ukoll ir-rappreżentanti mill-Uffiċċju tal-Impjiegi, minn IG Metall u mill-ministeri tal-impjiegi reġjonali.

22. L-awtoritajiet Ġermaniżi kkonfermaw li kien hemm konformità mar-rekwiżiti stipulati fil-leġislazzjoni nazzjonali u dik Komunitarja dwar is-sensji kollettivi.

### **Tagħrif dwar azzjonijiet li huma mandatorji permezz tal-liġi nazzjonali jew skont ftehimiet kollettivi**

23. Fir-rigward tal-kriterji li jinsabu fl-Artikolu 6 tar-Regolament (KE) Nru 1927/2006, l-awtoritajiet Ġermaniżi fl-applikazzjoni tagħhom:
- ikkonfermaw li l-kontribuzzjoni finanzjarja minn EGF ma tissostitwixxix miżuri li huma r-responsabbiltà tal-kumpaniji permezz tal-liġi nazzjonali jew ftehimiet kollettivi;
  - taw prova li l-azzjonijiet jipprovdu appoġġ għal ħaddiema individwali u ma għandhomx jintużaw għar-ristrutturazzjoni ta' kumpaniji jew setturi;
  - ikkonfermaw li l-azzjonijiet eliġibbli msemmija hawn fuq ma jirċevux appoġġ minn strumenti finanzjarji Komunitarji oħra.

### **Is-sistemi ta' ġestjoni u ta' kontroll**

24. Il-Ġermanja nnotifikat lill-Kummissjoni li l-kontribuzzjonijiet finanzjarji se jkunu ġestiti u kkontrollati mill-istess entitajiet li jiġġestixxu u jikkontrollaw il-finanzjament tal-Fond Soċjali Ewropew (FSE) fil-Ġermanja. Fi ħdan il-Ministeru Federali għax-Xogħol u l-Affarijiet Soċjali ((Bundesministerium für Arbeit und Soziales) il-Gruppe Europäische Fonds für Beschäftigung – Referat EF 3' se jaġixxi bħala awtorità ta' ġestjoni u l-'Organisationseinheit Prüfbehörde' bħala awtorità ta' kontroll.

### **Finanzjament**

25. Abbażi tal-applikazzjoni mill-Ġermanja, il-kontribuzzjoni proposta mill-EGF lill-pakkett koordinat ta' servizzi personalizzati hija ta' EUR 8 308 555, li tirrappreżenta 65 % tal-ispiża totali. L-allokkazzjoni proposta tal-Kummissjoni minn dan il-Fond hija bbażata fuq l-informazzjoni li nġhatat mill-Ġermanja.
26. Meta wieħed jikkunsidra l-ammont massimu possibbli ta' kontribuzzjoni finanzjarja mill-EGF skont l-Artikolu 10(1) tar-Regolament (KE) Nru 1927/2006, kif ukoll l-ambitu tal-allokkazzjoni mill-ġdid ta' approprjazzjonijiet, il-Kummissjoni qiegħda ttipponi li timmobilizza l-ammont totali msemmi hawn fuq mill-EGF, li għandu jiġi allokati taħt l-intestatura 1a tal-qafas finanzjarju.
27. L-ammont propost ta' kontribuzzjoni finanzjarju jippermetti li aktar minn 25 % tal-ammont annwali massimu allokati għall-EGF jibqa' disponibbli biex ikun allokati matul l-aħħar erba' xhur tas-sena, kif stipulat fl-Artikolu 12(6) tar-Regolament (KE) Nru 1927/2006.

28. Il-Kummissjoni, permezz ta' din il-proposta biex timmobilizza l-EGF, qiegħda tnedi l-proċedura simplifikata tat-trijalogu, kif mitlub mill-Punt 28 tal-Ftehim Interistituzzjonali tas-17 ta' Mejju 2006, sabiex tikseb il-qbil taż-żewġ fergħat tal-awtorità baġitarja dwar il-bżonn li jiġi użat l-EGF u l-ammont meħtieġ. Il-Kummissjoni tistieden lill-ewwel waħda miż-żewġ fergħat tal-awtorità tal-baġit li tilħaq ftehim dwar l-abbozz tal-proposta tal-mobilizzazzjoni, fil-livell politiku xieraq, biex tinforma lill-fergħa l-oħra u lill-Kummissjoni dwar l-intenzjonijiet tagħha. F'każ ta' nuqqas ta' qbil minn xi waħda miż-żewġ fergħat tal-awtorità tal-baġit, tissejjaħ laqgħa formali tat-trijalogu.
29. B'mod separat il-Kummissjoni tippreżenta talba ta' trasferiment sabiex iddaħħal fil-baġit għall-2010 approprjazzjonijiet ta' impenn u ta' pagamenti speċifiċi, kif stipulat fil-Punt 28 tal-Ftehim Interistituzzjonali tas-17 ta' Mejju 2006.

### **Sors tal-appropriazzjonijiet tal-ħlas**

30. Fl-istat attwali ta' implimentazzjoni, huwa prevedibbli li l-appropriazzjonijiet tal-ħlas disponibbli fl-2010 taħt il-linja baġitarja 01.0404 'Programm Qafas ta' Kompetittività u Innovazzjoni - Programm ta' intraprenditorija u innovazzjoni' mhux se jintużaw kollha din is-sena.
31. Tabilħaqq, din il-linja tkopri n-nefqa relatata mal-implimentazzjoni tal-istrument finanzjarju ta' dan il-programm, li l-għan ewlieni tiegħu huwa li tiffaċilita l-aċċess ta' SMEs għall-finanzi. Bejn it-trasferimenti lejn il-kontijiet fiduċjarji amministrati mill-Fond Ewropew għall-Investment u l-ħlas lill-benefiċjarji jeżisti xi ftit dewmien ta' żmien. Il-kriżi finanzjarja għandha effett ewlieni fuq il-previżjonijiet f'termini ta' ħlasijiet għall-2010. Minħabba f'hekk, sabiex jiġu evitati bilanċi eċċessivi fuq il-kontijiet fiduċjarji, il-metodoloġija għall-kalkolu tal-appropriazzjonijiet tal-ħlas ġiet riveduta, filwaqt li ttieħed kont tal-ħlasijiet mistennija. L-ammont ta' EUR 8 308 555 jista' għalhekk ikun disponibbli għat-trasferiment.

## DEĊIŻJONI TAL-PARLAMENT EWROPEW U TAL-KUNSILL

**dwar il-mobilizzazzjoni tal-Fond Ewropew ta' Aġġustament għall-Globalizzazzjoni, skont il-punt 28 tal-Ftehim Interistituzzjonali tas-17 ta' Mejju 2006 bejn il-Parlament Ewropew, il-Kunsill u l-Kummissjoni dwar id-dixxiplina baġitarja u l-ġestjoni finanzjarja soda (applikazzjoni EGF/2010/018 DE/Heidelberger Druckmaschinen mill-Ġermanja)**

IL-PARLAMENT EWROPEW U L-KUNSILL TAL-UNJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidraw it-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea,

Wara li kkunsidraw il-Ftehim Interistituzzjonali tas-17 ta' Mejju 2006 bejn il-Parlament Ewropew, il-Kunsill u l-Kummissjoni dwar id-dixxiplina baġitarja u l-ġestjoni finanzjarja tajba<sup>6</sup>, u b'mod partikolari l-punt 28 tiegħu,

Wara li kkunsidraw ir-Regolament (KE) Nru 1927/2006 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-20 ta' Diċembru 2006 li jstabilixxi l-Fond Ewropew ta' Aġġustament għall-Globalizzazzjoni<sup>7</sup>, u b'mod partikolari l-Artikolu 12(3) tiegħu,

Wara li kkunsidraw il-proposta mill-Kummissjoni Ewropea<sup>8</sup>,

Billi:

- (1) Il-Fond Ewropew ta' Aġġustament għall-Globalizzazzjoni (EGF) twaqqaf biex jipprovdi appoġġ addizzjonali għall-ħaddiema li jingħataw is-sensja minħabba bidliet strutturali maġġuri fl-andamenti kummerċjali dinjin dovuti għall-globalizzazzjoni u sabiex jiġu meġħjuna fl-integrazzjoni mill-ġdid tagħhom fis-suq tax-xogħol.
- (2) L-ambitu tal-EGF twessa' għal applikazzjonijiet imressqa mill-1 ta' Mejju 2009 biex jinkludi l-appoġġ għall-ħaddiema li ngħataw is-sensja b'riżultat dirett tal-kriżi finanzjarja u ekonomika globali.
- (3) Il-Ftehim Interistituzzjonali tas-17 ta' Mejju 2006 jippermetti l-mobilizzazzjoni tal-EGF fi ħdan il-limitu massimu annwali ta' EUR 500 miljun.
- (4) Il-Ġermanja ressqet applikazzjoni għall-mobilizzazzjoni tal-EGF, fir-rigward ta' sensji fl-intrapriża Heidelberger Druckmaschinen fis-27 ta' Mejju 2010 u ssupplimentatha b'informazzjoni addizzjonali sal-1 ta' Lulju 2010. Din l-applikazzjoni hija konformi mar-rekwiżiti għad-determinazzjoni tal-kontribuzzjonijiet finanzjarji kif stabbilit fl-

---

<sup>6</sup> ĠU C 139, 14.6.2006, p. 1.

<sup>7</sup> ĠU L 406, 30.12.2006, p. 1.

<sup>8</sup> ĠU C [...], [...], p. [...].

Artikolu 10 tar-Regolament (KE) Nru 1927/2006. Il-Kummissjoni għalhekk qiegħda tressaq proposta biex timmobilizza l-ammont ta' EUR 8 308 555.

- (5) L-EGF għandu, għalhekk, jiġi mmobilizzat sabiex jipprovdi kontribuzzjoni finanzjarja għall-applikazzjoni mressqa mill-Ġermanja.

IDDEĊIDEW KIF ĠEJ

*Artikolu 1*

Għall-baġit ġenerali tal-Unjoni Ewropea għas-sena finanzjarja 2010, il-Fond Ewropew ta' Aġġustament għall-Globalizzazzjoni (EGF) għandu jiġi mmobilizzat biex jipprovdi s-somma ta' EUR 8 308 555 f'approprjazzjonijiet ta' impenn u ta' ħlas.

*Artikolu 2*

Din id-Deċiżjoni għandha tiġi ppubblikata f'*Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea*.

Magħmul fi,

*Għall-Parlament Ewropew*  
*Il-President*

*Għall-Kunsill*  
*Il-President*